MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2008

Citazzjoni Numru. 351/2007

**Id-Direttur, Qrati Civili u Tribunali**

**vs**

**Nicholas Tanti (Karta ta' l-Identita' numru 558285 M) u Jeanette Tanti**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-atti tar-rikors** li permezz tieghu r-rikorrent issottometta:

Illi fil-25 ta' April 2005 din l-Onorabbli Qorti, akkordat ir-rikors ta' Vincenza Grixti ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimati;

Illi permezz ta' tali mandat l-intimati gew inibiti milli jkomplu jwettqu x-xoghlijiet ta' twaqqigh, skavar u kostruzzjoni fil-proprjeta' adjacenti ghall-proprjeta' tar-rikorrenti, jigifieri fil-fond adjacenti ghall-fond enumerat 28/30, Triq l-Iben il-Hali, z-Zurrieq, li huwa proprjeta' ta' l-attrici, stante li x-xoghlijiet imwettqa mill-intimat Nicholas Tanti kkagunaw u qieghdin ikomplu jikkagunaw diversi hsarat u danni fil-fond proprjeta' tar-rikorrenti.

Illi nonostante l-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni surreferit, l-intimati xorta wahda baqghu ghaddejjin bix-xoghlijiet ta' kostruzzjoni fil-proprjeta' taghhom waqt li komplew jikkagunaw hsarat u danni fil-fond proprjeta' ta' Vincenza Grixti, u dan kif evidenzjat mir-ritratti annessi u mmarkati bhala Dokumenti 1 sa 5.

Illi permezz ta' rikors ipprezentat fl-20 ta' Mejju 2005 l-imsemmija Vincenza Grixti gabet ghall-konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti dan kollu u talbet li din l-Onorabbli Qorti tordna li jinbdew kontra l-intimati proceduri ghal disprezz lejn l-Awtorita' taghha ai termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kapitlu 12 (Dokument );

Illi b'digriet tat-23 ta' Mejju 2005 din l-Onorabbli Qorti laqghet it-talba tar-rikorrenti (Dokument );

Illi ghalhekk qieghda ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi l-attur qieghed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Issib lill-intimati Nicholas Tanti u Jeanette konjugi Tanti hatja ta' disprezz ghall-Awtorita' taghha fit-termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kapitlu 12; u

2. Konsegwentement tikkundanna lill-istess intimati ghall-pieni preskritti mill-ligi fl-istess Titolu XVII fuq imsemmi.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ngunti in subizzjoni u bit-twissija li jekk ma jidhrux huma jistghu jigu mgieghla biex iwiegbu ghall-akkuzi bil-mezz ta’ mandat ta’ skorta jew ta’ arrest.

Rat **ir-risposta tal-intimati** a fol. 25 tal-process fejn eccepew:

1. Illi t-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi l-Qorti in segwitu ghall-hrug tal-Mandat ta’ Inibizzjoni bin-numru 687/05 li fl-ebda hin ma ordnat lil esponenti milli jieqfu mix-xoghol ta’ kostruzzjoni li huma kienu qeghdin jesegwixxu fuq il-fond proprjeta’ taghhom u dan kif jirrizulta mill-kopja tad-digriet hawn annessa u mmarkata ‘Dok A’.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ma jirrizultax mill-atti ta’ dawn il-proceduri illi l-esponenti wettqu xi xoghol li permezz tieghu huma setghu jikkagunaw xi hsara fil-fond proprjeta’ ta’ Vincenza Grixti u dan kif jirrizulta mill-istess ritratti esebiti.

3. Illi fil-mertu, d-Direttur attur, ghandu jindika x’inhuma l-hsarat allegati u jekk gew, dawn meta gew ikkagunati, fl-liema stadju gew ikkagunati u jekk gewx ikkagunati konsgwenza tax-xoghlijiet inkorsi wara l-hrug tal-mandat jew konsegwenza ta’ fatturi ndipendenti mill-attivita’ tal-konvenut u konsegwenza u tal-mod kif gie kostruwit il-bini proprjeta’ ta’ Vincenza Grixti.

4. IIlli fl-ahhar ipotesi, u fil-mertu, dawn il-proceduri gew istitwiti biss mill-imsemmija Vincenza Grixti sabiex tivvesta u ddejjaq lil esponenti ghax qatt ma riedet min jistabbilixxi r-residenza tieghu magenbha.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota ta’ l-intimat;

## Konsiderazzjonijiet

Illi r-rikorrent talab li l-intimati jinstabu hatja ta' disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti billi huma ma kienux obdew ordni tal-Qorti li nibithom milli jkomplu jwettqu xogholijiet ta' twaqqigh, skavar u kostruzzjoni fil-proprjeta' adjacenti ghal proprjeta' ta' Vincenza Grixti.

Illi bid-digriet li saret referenza ghalih (ara fol 6) il-Qorti kienet laqghet it-talba ta' Vincenza Grixti fis-sens pero' li nibit lill-intimat milli jwettaq xi xoghol li, b'xi mod, jikkaguna hsarat u danni fil-fond proprejta' ta' Grixti, jkunu xi jkunu c-cirkostanzi.

Illi Vincenza Grixti xehdet li meta nhareg il-mandat l-intimati kienu lestew l-ewwel sular u kienu diga ghamlu hsara fil-proprjeta' taghha. Wara li nhareg il-mandat l-intimati komplew bix-xoghol u lestew ix-xoghol kollu nonostante li kienu inibiti.

Illi fil-kaz in ezami ma ngabux provi dwar hsarat ulterjuri li setghu saru fil-proprjeta' ta' Vincenza Grixti **wara** li nhareg il-mandat.

L-intimati jissottomettu li huma ma kkagunaw ebda hsara strutturali fil-fond ta' Grixti u kull ma kien hemm kienu xi konsenturi li hu normali u li hu konsegwenza ta' serhan tal-binja in generali. Dawn il-hsarat ma jeccedux massimu ta' tlett mitt lira Maltin.

Il-Perit Mario Cassar nominat mill-Qorti kien ikkonferma li ma giet kkawzata l-ebda hsara strutturali (ara para c pagna 4 tar-rapport tieghu a fol 50) fil-fond ta' Grixti.

Illi ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-intimati ma kisrux l-ordni tal-Qorti kif specifikatament moghtija, ghalhekk l-intimati ma jistghux jinstabu hatja ta' disprezz.

Mhux il-kaz ghalhekk li l-Qorti tidhol fl-eccezzjonijiet l-ohra ta' l-intimati ghalkemm tirrileva li l-ordni tal-Qorti kienet

kontra l-intimati u ovvjament kienet tikkomprendi nies imqabbda minnhom.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi billi tichad it-talba tar-rikorrenti
Bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------